MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2006

Numru 2/2004

Ir-Repubblika ta Malta
Vs
Mario Buhagiar

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 2 tas-sena 2004, kontra l-akkuzat Mario Buhagiar li bih huwa qed jigi akkuzat talli:**

**1) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza ppremetta illi nhar is-Sibt, hdax ta' Novembru tas-sena elfejn, kmieni wara nofsinhar, Joseph Desira, flimkien mal-gharusa tieghu, Fiona Cassar, ipparkja l-karozza tieghu Anglia, numru ta' registrazzjoni CAI-068, hdejn l-Isptar, Gwardamangia, sabiex imorru izuru habib taghhom li kien rikoverat l-Isptar. Il-karozza kien ghalaqha, pero' peress li kienet kemmxejn antika,**

**setghet tinfetah facilment. Meta hargu mill-Isptar u marru hdejn fejn kienu hallew l-istess karozza, sabuha nieqsa. Aktar tard dakinhar, wara li kienu ghamlu rapport lill-Pulizija, rrizulta li fil-fatt dik il-vettura kienet giet misruqa.**

**Responsabbli ghal din is-serqa tal-vettura kien Mario Buhagiar. Huwa kien ghall-habta tat-tlieta w kwart ta' wara nofsinhar ta' dak il-jum, bil-hsieb li jisraqha, sgassaha w saqha minn fuq il-post bil-ghan li aktar tard dak inhar juzaha f'"hold-up" fuq hanut tad-deheb fil-Belt, Valletta, kif jigi elaborat fil-tielet kap ta' dan l-att ta' akkuza.**

**Ghalkemm kellha z-zmien, l-imsemmija vettura kienet allura tiswa aktar minn mitt lira Maltin.**

**B'hekk gie li b'eghmilu l-imsemmi Mario Buhagiar irrenda ruhu hati ta' serq aggravat bil-valur, mezz u xorta tal-haga misruqa.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Mario Buhagiar hati tad-delitt ta' serq ikkwalifikat bil-valur (aktar minn mitt lira), bil-mezz (meta jsir bi ksur ta' gewwa jew ta' barra) u bix-xorta tal-haga misruqa (meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku).**

**U peress li b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), moghtija fit-12 ta' Gunju, 1991, fit-13 ta' Lulju, 1993, u fl-10 t'Awissu, 1993, Mario Buhagiar kien gie kkundannat ghad-delitti ta' serq aggravat, l-Avukat Generali addebitah bir-recidiva fil-kommissjoni ta' delitti, u partikolarment dak ta' serq aggravat.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn tmintax-il xahar sa' sitt snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(b)(c)(g), 263(a), 271(g), 278(1)(3), 49, 50, 289, 31, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**2) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fit-Tieni Kap tal-Att tal-akkuza ppremetta illi meta fil-11 ta' Novembru, 2000, x'it-tlieta w kwart ta' wara nofsinhar, kif inghad fil-kap precedenti, Mario Buhagiar seraq il-vettura Anglia CAI-068 appartenenti lil Joseph Desira, u dan billi saqha minn fuq il-post fi triqtu lejn il-Belt sabiex hemmhekk iwettaq "hold-up" fuq hanut tad-deheb, kif jigi spjegat aktar l-isfel, huwa saq l-istess vettura naturalment kontra l-kunsens tas-sid il-vettura b'mod li allura wkoll uza l-istess vettura meta ma kienitx issehh polza ta' sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni.**

**B'hekk gie li b'dak is-sewqan, Mario Buhagiar irrenda ruhu hati bhala persuna li uzat vettura tal-mutur meta ma kienx assigurat kontra r-riskji ta' terzi persuni.**

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Mario Buhagiar hati talli uza vettura tal-mutur fit-toroq meta ghall-uzu tal-vettura minnu ma kienitx issehh polza ta' sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni.**

**U peress li dan jikkostitwixxi t-tielet reat li Mario Buhagiar ikkommetta bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap 104, wara li b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Jannar, 1993 u tal-24 ta' Mejju, 1993, huwa kien ga' kellu zewg kundanni ohra, l-Avukat Generali addebitah bir-recidiva anke f'dan ir-reat.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundnnat ghal piena ta' multa ta' mhux anqas minn LM750, izda ta' mhux izjed minn LM1000, jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sena, jew il-multa w prigunerija flimkien, kif ukoll multa ohra li tkun daqs il-valur tal-vettura tal-mutur; barra minn hekk, talab li l-akkuzat jigi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun gie misjub hati, skond dak li hemm u**

**jintqal fl-artikoli 3(1)(2)(c)(2A) u 22 tal-Kapitolu 104, u fl-artikoli 20, 30, 17(b), 49, 50, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**3) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fit-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza, ppremetta illi dejjem fil-jum tal-11 ta' Novembru, 2000, wara li Mario Buhagiar, imlaqqam il-Hassu, kien seraq il-vettura Anglia, hekk kif allegat fl-ewwel u fit-tieni kap, bil-ghan li juzaha aktar tard dak inhar f'attentat iehor ta' serq minn hanut tad-deheb, huwa rehielha lejn il-Belt Valletta. Kienu qorbu l-erba neqsin kwart ta' wara nofsinhar meta Mario Buhagiar li allura kellu lehja mhux imqaxra, armat b'arma tan-nar, b'beritta tal-baseball go rasu u kemmxejn nervuz, waqqaf il-vettura Anglia gewwa Triq il-Merkanti biswit il-hanut bl-isem Classic Jewellers. Nizel minnha, dahal gewwa l-hanut, fejn ifferma bl-arma tan-nar zewg persuni impjegati, Alan Bajada w Claudia Borg, u ordnalhom taht theddid ta' mewt sabiex jimlewlu l-bwiet ta' hwejjgu bid-deheb. Fil-fatt huma imlewlu b'kollox, cirka erbghin gizirana tad-deheb solidu flimkien ma' brazuletta tad-deheb (wahedha b'valur ta' mitejn u tmienja w sebghin liri Maltin), b'valur li huwa ferm aktar minn elf lira Maltin, u dan kollu ghad-detriment ta' sid il-hanut, Paul Fenech. Kif appena sar hekk, Mario Buhagiar telaq il-barra w harab minn fuq il-post. Kemm Alan Bajada kif ukoll Claudia Borg, gewwa l-hanut, u certu Paul Camilleri, minn barra l-hanut appena Mario Buhagiar hareg jigri l-barra, irnexxielhom jiehdu stampa cara ta' wicc Mario Buhagiar b'mod li aktar tard, fl-investigazzjoni w stharrig tal-Pulizija, huma setghu jidentifikaw lill-istess Mario Buhagiar ghalkemm nel frattemp, mill-harba tieghu sakemm gie arrestat, huwa kien lehaq qaxxar il-lehja sabiex jelimina kull possibilita' ta' identifikazzjoni. Barra minn hekk, ad insaputa tal-istess Mario Buhagiar, inzerta fortunatament li fil-hanut kien hemm "closed circuit cameras" li gibdu w irrekordjaw l-akkadut kollu.**

**Di fatti ukoll, aktar tard, f'vettura Punta appartenenti lil Buhagiar, numru ta' registrazzjoni HAS-007, instab holster ta' arma tan-nar li ntuzat fil-"hold up", liema holster kien fuq is-seat tal-passiggier taht xugaman. Anke nstabu l-ghada tnax ta' Novembru 2000, uhud mill-oggetti tad-deheb li kienu nsterqu il-jum ta' qabel.**

**B'hekk ghal darb'ohra, Mario Buhagiar waddab fuqu l-htija tad-delitt ta' serq b'diversi aggravji.**

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Mario Buhagiar hati tad-delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza (meta jsir flimkien ma sekwestru tal-persuna jew ma theddid bil-fomm ta' omicidju jew offiza fuq il-persuna w meta l-halliel jipprezenta ruhu armat) u bil-valur (aktar minn elf lira).**

**U peress li b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fit-12 ta' Gunju, 1991, fit-13 ta' Lulju, 1993, u fl-10 t'Awissu, 1993, Mario Buhagiar kien gie kkundannat ghad-delitti ta' serq aggravat, l-Avukat Generali addebitah bir-recidiva fil-kommissjoni ta' delitti w partikolarment dak ta' serq aggravat.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn tlett snin sa tnax il-sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(c), 262(1)(a)(b), 267, 275, 277(a)(b), 279(b), 280(2), 49, 50, 289, 31, 20, 17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**4) Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta fir-Raba' Kap ippremetta illi naturalment fil-11 ta' Novembru, 2000 kemm waqt il-"hold up" li huwa kkommetta fuq il-hanut Classic Jewellers, kif ukoll hin qabel, Mario Buhagiar kien xjentement fil-pussess ta' arma tan-nar probabilment anke bil-munizzjon relativ. Izda kif ga nghad aktar il-fuq, l-arma tan-nar proprja ghalkemm identifikata minn diversi persuni waqt il-"hold up" qatt ma nstabet sussegwentement waqt l-**

**istharrig tal-pulizija. Kien hemm hin bizzejjed sabiex Mario Buhagiar jiddisponi minnha halli b'ebda mod ma tinkriminah, pero' fortunatament il-Pulizija rnexxielha ssib il-holster relattiv fil-vettura tal-istess Mario Buhagiar.**

**Kollox jindika li l-imsemmija arma tan-nar u munizzjon kienu gew fil-pussess xjenti ta' Mario Buhagiar jiem qabel ma wettaq is-serqa tal-vettura Anglia imsemmija fl-ewwel kap u l-"hold up" imsemmi fil-kap precedenti. Meta hekk gie fil-pussess taghhom huwa ma ta ebda avviz skond il-ligi lill-Kummissarju tal-Pulizija. Mhux talli hekk imma talli Buhagiar ma kellu ebda licenzja sabiex izomm jew igorr armi tan-nar u munizzjon.**

**B'dan l-agir kollu tieghu Mario Buhagiar naqas volontarjament mid-dmir legali tieghu ta' persuna li tkun giet fil-pussess ta' armi tan-nar.**

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Mario Buhagiar hati talli gie fil-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon, xort'ohra milli b'licenzja u naqas milli minnufih jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, illi jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz.**

**U peress li b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fit-12 ta' Gunju, 1991, fit-13 ta' Lulju, 1993 u fl-10 t'Awissu, 1993, Mario Buhagiar kien gie kkundannat ghad-delitti ta' serq aggravat u kommissjoni ta' reati ohrajn, l-Avukat Generali addebitah bir-recidiva fil-kommissjoni ta' delitti.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' multa ta' mhux inqas minn tletin lira Maltin jew tal-prigunerija ghal mhux izjed minn tlett xhur skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9(1), 19, 26 u 27 tal-Ordinanza Dwar l-Armi, kapitolu 66 tal-ligijiet ta' Malta u fl-artikoli 23, 49, 50, 30, 31, 20, 17(b)(f)(g) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew**

**ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

**Rat illi waqt is-seduta tal-lum l-akkuzat, mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;**

**Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqgha jtenni t-twegiba li hu kien hati;**

**Tiddikjara ghalhekk lil Mario Buhagiar fuq ammissjoni hati talli :-**
**1. fil-11 ta' Novembru tas-sena 2000 wara nofs inhar minn Gwardamangia u fi bnadijiet ohra, seraq vettura numru tar-registrazzjoni CAI-068, wara li sgassaha u b'hekk sar hati tad-delitt ta' serq ikkwalifikat bil-valur (aktar minn mitt lira), bil-mezz (meta jsir bi ksur ta' gewwa jew ta' barra) u bix-xorta tal-haga misruqa (meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku) kif ukoll talli huwa recidiv peress li b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, moghtija fit-12 ta' Gunju, 1991, fit-13 ta' Lulju, 1993 u fl-10 t'Awissu 1993, huwa kien gie kkundannat ghad-delitti ta' serq aggravat u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-akkuza;**
**2. talli fil-11 ta' Novembru, 2000, wara nofs inhar, uza vettura bil-mutur numru CAI-068 fi Gwardamangia, il-Belt, Valletta u bnadi ohra f'Malta, meta ghall-uzu tal-vettura minnu ma kienitx issehh polza ta' sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni, b'dana li dan ir-reat kien it-tielet reat li Mario Buhagiar ikkommetta bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap. 104, wara li b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Jannar, 1993 u tal-24 ta' Mejju, 1993, huwa kien gja kellu zewg kundanni ohra**

**w ghaldaqstant huwa recidiv u dana skond it-Tieni Kap. tal-Att tal-Akkuza;**
**3. talli fil-11 ta' Novembru, 2000, fil-Belt, Valletta gol-hanut Classic Jewellers, fi Triq il-Merkanti, wara nofs inhar, ikkommetta serq ikkwalifikat bil-vjolenza (meta jsir flimkien ma sekwestru tal-persuna, jew ma theddid bil-fomm ta' omicidju jew offizi fuq il-persuna, u meta l-halliel jipprezenta ruhu armat) u bil-valur (aktar minn elf lira) u talli huwa recidiv peress li b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fit-12 ta' Gunju, 1991, fit-13 ta' Lulju, 1993 u fl-10 t'Awissu, 1993, huwa kien gie kkundannat ghad-delitti ta' serq aggravat, u dana skond it-Tielet Kap. tal-Att tal-Akkuza;**
**4. kif ukoll talli fil-11 ta' Novembru, 2000, gie fil-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon, xort'ohra milli b'licenzja w naqas milli minnufih jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija illi jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz kif ukoll talli huwa recidiv bis-sentenzi fuq imsemmija, w dana skond ir-Raba' Kap. tal-Att tal-Akkuza.**

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur Dr. Martin Fenech kif ukoll tal-abbli prosekutur Dr. Mark Said.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata "seduta stante" mid-difensur tal-hati.**

**Qieset is-sottomissjonijiet tad-difiza li jinsabu kollha registrati w senjatament, <u>imma mhux biss</u>, is-segwenti w cioe' :-**

**1) Li l-hati ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u b'hekk evita inkonvenjent ghax-xhieda, gurati u l-Qorti u hela ta' flus biex ikun jista' jsir il-guri;**
**2) Illi ghalkemm fis-snin disghin jidher li l-hati kellu problema serja tad-droga tant li anki wehel il-habs, jidher li mis-sena elfejn (2000) 'l hawn ikkommetta biss xi reati ta' entita' relattivament inqas gravi;**

**3) Illi s-serqa tal-karozza jidher li serviet bhala mezz biex ikun jista’ jigi kommess il-“hold up” mertu tat-tielet kap u ghalhekk kellha tinghata piena wahda w cioe’ dik ghar-reat iktar gravi;**
**4) Illi waqt il-“hold up” l-hati ma talabx li jinghata flus imma biss uhud mill-oggetti tad-deheb li kienu esposti fil-hanut;**
**5) Inoltre mis-sena elfejn ‘l hawn il-hati kellu zewgt itfal u llum tghabba bir-responsabilitajiet ta’ missier;**
**6) Illi la ma nstabitx l-arma l-Qorti ma kienitx f’posizzjoni tkun taf jekk fil-fatt din kienitx arma propja jew xi wahda finta.**
**Ghalhekk id-difiza kienet qeghda titlob piena iktar vicin il-minimu milli l-massimu.**

**Qieset is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni dwar il-piena u cioe’ :-**

**1) Li f’dan il-kaz ma kienx hemm ammissjoni bikrija ghaliex fl-ewwel appuntament tal-kawza fit-30 ta’ Gunju, 2004, meta l-hati seta’ ammetta verament fi stadju bikri, dan m’ghamlux u d-difensur tieghu ta indikazzjoni li l-guri kien se jkun ikkontestat;**
**2) Ghalkemm l-arma li ntuzat fil-“hold up” ma nstabitx, meta l-hati ammetta ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu kien qed jammetti wkoll il-kwalifika li ntuzat arma fis-serq imsemmi fit-tielet kap u li giet fil-pussess tieghu arma kif imsemmi fir-raba’ kap. Ghalhekk hawnhekk kellna kaz ta’ serq ikkwalifikat bl-uzu ta’ arma li holoq paniku w terrur fiz-zewg persuni li kienu fil-hanut dak il-hin;**
**3) Jekk il-hati ma talabx flus waqt il-“hold up”, huwa talab li jinghata l-ehxen deheb li kien hemm espost, li wara rrizulta li kellu valur in eccess ta’ sebet elef lira Maltin (cost price);**
**4) Illi l-hati kellu fedina penali refrattarja ghall-ahhar u naqas li jiehu l-opportunitajiet diversi li kienu tawh il-Qrati biex jirriforma ruhu;**
**5) Illi n-natura ta’ dawn ir-reati ammessi mill-hati hija wahda gravi u sfortunatament l-incidenza taghhom kull ma tmur qed tikber u ghalhekk il-Qorti kellha taghti messagg lis-socjeta’ li dawn it-tip ta’ reati ma**

**kellhomx jigu tollerati. Ghalhekk il-piena komplessiva li kellha tinghata lill-hati, fic-cirkostanzi, ma kellhiex tkun inqas minn wahda ta' bejn tmienja w ghaxar snin.**

**Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li r-reat taht l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza serva bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess r-reat tal-"hold up" ammess taht it-Tielet Kap u ghalhekk, skond l-Artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, kellha tinghata piena wahda ghar-reat l-aktar gravi cioe' dak taht it-tielet kap.**
**Ikkonsidrat**

**Illi l-hati recidiv bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17 (b)(f)(h) huwa passibbli ghall-piena massima ta' tnax il-sena w seba' xhur u gimghatejn prigunerija w piena minima ta' tlett snin prigunerija w multa ta' seba' mija w tmenin lira Maltin, li l-istess hati esprima x-xewqa tieghu li jkun ahjar jekk ma jigix ikkundannat li jhallashom, imma jinghata piena wahda karcerarja komplessiva.**

**Illi mill-fedina penali tal-hati jirrizulta li mis-sena 1991 'l hawn gie kkundannat mill-Qrati sittax il-darba ghal diversi reati w cioe' tlett darbiet ta' serq aggravat, darbtejn ta' tentattiv ta' serq aggravat, tlitt darbiet ta' hsara volontarja fil-konfront tal-Gvern ta' Malta darbtejn fil-lock up tal-Belt, Valletta, u darba fil-Habs Civili ta' Kordin u diversi hsarat fuq karozzi privati w uniformijiet tal-Pulizija. Instab hati wkoll darba ta' harba mill-Habs ta' Kordin u darba ta' harba mill-ghassa tal-Pulizija tal-Belt, Valletta. Instab hati wkoll darbtejn ta' pussess ta' droga erojina w darba ta' medicina psikotropika, darba ta' pussess tal-pjanta cannabis kif ukoll ta' diversi reati tat-traffiku, ksur tal-buon ordni w ingurji w theddid fil-konfront tal-membri tal-Korp tal-Pulizija. Numru minn dawn ir-reati gew kommessi anki wara li hu kien gie akkuzat bir-reati mertu ta' din il-kawza.**

**Illi apparti liberazzjonijiet kondizzjonali w kundanni ghal hlas ta' xi multi u ammendi, hu gie kkundannat ghal pieni ta' prigunerija hames darbiet u b'dana kollu jidher li ma tghallem xejn ghax baqa' ghaddej bil-hajja refrettarja tieghu sa zminijiet recenti.**

**Ikkonsidrat**

**Illi wahda mir-ragunijiet li l-abbli difensur adducca inmitigazzjoni tal-piena kienet l-ammissjoni bikrija li rregistra l-hati fis-seduta tallum.**

**Illi jigi nnotat pero' li meta l-kawza giet appuntata ghas-smiegh l-ewwel darba, sentejn ilu, u cioe' fit-30 ta' Gunju, 2004, l-hati, permezz tal-Avukat tieghu ta' allura, Dr. Manuel Mallia, kien iddikjara li l-kawza se tkun kontestata. B'dan il-mod il-hati baqa' jgawdi mill-liberta' provizzorja ghal sentejn sakemm kien imiss li l-kawza tieghu tinstema skond it-turn taghha. Ghalhekk hawnhekk ftit wiehed jista' jghid b'konvinzjoni li sehhet xi ammissjoni bikrija.**

**Illi f'kull kaz kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] , l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem , jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.**

**Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-Qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza** "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-**

"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of

guilty] is very well established, the extent of the appropriate “discount” has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that “something in the order of one-third would very often be an appropriate discount”, but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of ‘tactical plea’ , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..”

**Fil-kaz in ezami apparti li l-hati kellu l-opportunita’ li jirregistra ammissjoni bikrija fl-ewwel appuntament**

**tal-kawza sentejn ilu u dan m'ghamlux, l-identifikazzjoni tieghu kemm mill-persuni li kienu fil-hanut in kwistjoni w persuna ohra li kienet tinsab fil-vicinanzi kif ukoll minn certi ritratti li ttiehdu mill-close circuit tv camera fl-istess hanut ftit kienet thalli opportunita' li l-hati jikkontesta r-responsabbilitajiet tieghu fl-akkadut u, ghalkemm ma nqabadx "red handed", l-ghemil tieghu gie registrat. Inoltre mir-resume` tal-fedina penali tieghu jidher car li hu jirrapprezenta certa minaccja ghas-socjeta' li taghmilha imperattiva li hu jigi karcerat ghal perjodu sostanzjalment twil.**

**Ghar-rigward tas-sottomissjoni li minn zmien il-kommessjoni tar-reati 'l hawn huwa kellu zewgt itfal, anki jekk dan huwa veru (ghax ma saret ebda prova tieghu), dan mhux necessarjament ghandu jigi rifless f'xi nuqqas sostanzjali fil-piena erogabbli ghaliex kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (kollegjali)** fis-**sentenza taghha** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Tracey Borg" [15.5.2003] : -

***"……. Il-Qorti ma tarax li l-fatt li l-appellanti, fil-mori ta' din il-kawza, ghazlet li jkollha t-tfal ghandu jinfluwixxi fuq il-piena. Kieku kellu jsir hekk, persuna taht process kriminali, jew addirittura sentenzjata mill-Qorti tal-ewwel grad, tista' facilment tirrikorri ghal espedjent li jkollha t-tfal bil-ghan li tinkorri piena inqas harxa. Kulhadd irid jerfa' r-responsabilta' ghall-azzjonijiet tieghu w id-decizjoni ta' persuna li jkollha jew ma jkollhix tfal hija decizjoni personali li wiehed irid jizen b'responsabilta' w impenn, konsidrati c-cirkostanzi personali tal-persuna koncernata. Jekk xi hadd jiddeciedi li jkollu t-tfal meta jkun il-habs, hu jrid jerfa' l-konsegwenzi tal-agir tieghu w ma jistax jistenna li xi Qorti toqghod tqis il-konsegwenzi ghall-prole li ma jkunx qies hu stess."***

**Ghalkemm f'dan il-kaz il-hati ma kienx il-habs meta kellu t-tfal, xorta wahda kien jaf li qed jiffacja proceduri penali ghar-reati serji minnu llum ammessi li setghu jwasslu ghal piena karcerarja sostanzjali.**

**B'danakollu xorta wahda ghamel l-ghazliet tieghu li pero' skond l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kollegjali) m'ghandhomx iwasslu ghal mitigazzjoni fil-piena**

Is-sottomissjoni umbaghad tal-abbli difensur li la darba l-arma uzata fil-"hold up" ma nstabitx, m'ahniex f'posizzjoni li nkunu nafu x'arma kienet u jekk hux arma propja jew xi wahda tal-loghob, kif abbilment issottometta l-prosekutur, ma tistax titiehed inkonsiderazzjoni f'dan l-istadju ghaliex il-hati ammetta inkondizjonatament u bla rizervi l-erba' kapi tal-Att tal-Akkuza w ma jistax issa jerga jiftah ghad-dibbatitu xi kwalifiki jew addebiti li kienu nkluzi fl-imsemmi Att tal-Akkuza.

**Ghal dawn il-motivi, wara li qieset dan kollu w rat l-Artikoli 261 (a)(b)(c)(g), 263 (a), 271 (g), 278 (1)(3), 49, 50, 289, 17 (b)(h), 30, 31, 262 (1)(a)(b), 267, 275, 277 (a)(b), 279 (b), 280 (2), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 3 (1)(2)(c)(2A) u 22 tal-Kapitolu 104, u l-Artikoli 2, 9 (1), 19, 26 u 27 tal-Ordinanza Dwar l-Armi Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li qieset li r-reat ammess taht l-Ewwel Kap ghal fini ta' piena skond l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 qed jigi assorbit fir-reat l-aktar gravi ammess taht it-tielet kap, tikkundanna l-hati Mario Buhagiar ghal piena komplessiva ta' disa' snin prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull perjodu li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati mertu ta' din il-kawza w mhux ghax kien qed jiskonta xi sentenza ohra ta' prigunerija fl-istess zmien.**

**Inoltre tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.**

**Finalment tordna ukoll li l-hati jhallas l-ispejjez tal-perizji f'din il-kawza fl-ammont ta' mija w erbghin lira Maltin u hamsa w hamsin centezmu (LM140.55c).**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------